MALTA

# QORTI CIVILI

# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF

## ANNA FELICE

Seduta tat-13 ta' Jannar, 2015

Citazzjoni Numru. 352/2013

**Rose Marie sive Rose Holland**

**vs**

**Victor Fenech u Christopher Aquilina**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors guramentat ta’ Rose Marie Holland li permezz tieghu, wara li gie premess illi:

Fuq ir-rikorsi ta’ Victor Fenech u Christopher Aquilina ntavolati fil-21 ta’ Dicembru 2011, bil-provediment moghti minn din il-Qorti fit-22 ta’ Dicembru, 2011, gie degretat illi dik il-Qorti kienet qed tilqa’ t-talba ghall-hrug ta’ Mandati ta’ Qbid [Numri 1817/2011 u 1818/2011] fuq l-immobbli deskritta fl-istess rikorsi promoturi (hawn annessi u mmarkati Dok. RMH 1 u 2).

Biz-zewg mandati ta’ Qbid fuq imsemmija gew maqbuda, mill-fond 3/2 Balluta Buildings, Triq il-Karmelitani, San Giljan l-oggetti prelevati mill-Marixxal ezekutant, ahjar elenkati mill-istess Marixxal fid-dokumenti hawn annessi u markati Dok. RMH 3 u 4.

Tezisti raguni valida sabiex tigi revokata l-ezekuzzjoni tal-Mandati surreferiti minn fuq l-oggett imsemmija billi dawn jappartjenu internament lill-esponenti u mhux ukoll lid-debituri ezekutanti konjugi Fountain (ara Dokument RMH 5 hawn anness), illum separati.

L-allegazzjoni ta’ min talab il-hrug tal-Mandati hi ghal kollox wahda fiergha u kongetturali in kwantu mhux veru li l-esponenti qeghdha tassisti lil bintha Helena Fountain (illum Helena Holland) sabiex tevadi mill-obbligi taghha, izda ghall-kuntrarju qeghdha, bhal kull omm, tassistiha bi flejjes proprji. M’hiex lanqas veritiera l-allegazzjoni illi giet krejata xi *mis-en-scene* in kwantu certu effetti mobbli u oggetti tal-fidda, deheb u hagar prezzjuz, originarjament assenjati mill-esponenti lil bintha bhala dota regghu ghaddew fil-pussess tal-esponenti

b’titolu ta’ *datio in solutum* wara li l-omm erogat mill-fondi taghha flejjes biex jigi saldat debitu tal-istess bintha di fronte ghall-kumpanija Lighting Solutions Company Limtied (Ara Dokumenti RMH 6 u 7 hawn mehmuza.

Intalbet din il-Qorti biex:

1. Tiddikjara u tiddeciedi illi l-oggetti maqbuda bil-mandati predetti huma ta’ pertinenza assoluta tal-attrici.

2. Konsegwentement thassar u tirrevoka l-istess mandati ta’ qbid u/jew l-ezekuzzjoni taz-zewg mandati surreferiti u kull att iehor sussegwenti u konkomitanti, kompriz, jekk inhu l-kaz, l-elevazzjoni tal-oggetti maqbuda.

Bl-ispejjez kontra l-konvenuti minn issa ngunti in subizzjoni. B’rizerva ghad-danni.

Rat id-dokumenti annessi.

Rat ir-risposta guramentata ta’ Victor Fenech et li in forza taghha gie eccepit:

Illi preliminarjament, ghalkemm l-esponenti ma jikkontestawx l-ewwel zewg paragrafi tar-rikors guramentat, huma jikkontestaw il-premessi, il-paragrafi u l-pretensjonijiet l-ohra kollha tal-kawza fin-numru u fl-ismijiet premessi, kif wkoll jikkontestaw it-talbiet tar-rikorrenti, liema ghandhom jigu michuda, stante li fil-mori, l-esponenti ser jirnexxielhom jipprovaw mod iehor;

Illi fil-mertu, l-esponenti jissottomettu illi huma kredituri tal-konjugi Anthony u Helena Fountain fl-ammont ta' mija u sebgha u hamsin elf, mitejn u tlieta u sittin ewro u erbghin centezmu (€157,263.40) u dana permezz ta' zewg kuntratti ta' self iffirmati mill-konjugi Anthony u Helena Fountain; wiehed datat 28 ta' Ottubru 2010 **Dok VF1** u l-iehor 4 ta' Frar 2011 **Dok VF2** fl-atti tan-Nutar Dottor Jean Carl Debono, rezi ezegwibbli permezz ta' zewg ittri ufficjali debitament ipprezentati u innotifikati lill-konjugi Fountain; **Dok VF3 u Dok VF4.**

Illi minkejja li d-debituri kkostitwew rwiehhom debituri f'dawn l-ammonti konsiderevoli huma mhux biss ma hallsu l-ebda pagament, izda l-esponenti kellhom jiehdu passi legali kontra taghhom permezz ta' zewg mandati ta' qbid ezekuttivi, u cioe` 1817/11 u 1818/11, ezekuzzjoni fuq mobbli fil-fond fejn kienu jabitaw l-konjugi Fountain u cioe` "Block 3, Flat 3, Balluta Buildings, Triq il-Karmelitani, San Giljan";

Illi minkejja li Helena Fountain dejjem ghexet ma' ommha, il-karta tal-identità taghha tikkonferma dan u anke kellha kitba taz-zwieg li fiha ddikjarat li certa oggetti huma taghha parafernali, jidher li permezz ta' kuntratt tat-3 ta' Novembru 2010, id-debitrici Helena Fountain iddikjarat, <u>wara</u> li gew intavolati xi mandati kontra taghha, li l-oggetti gew moghtija lil ommha b'titolu ta' *datio in solutum* wara pagamenti li l-istess omm ghamlet lejn il-kredituri taghha u ta' zewgha; b'dan ir-rikorrenti u d-debituri ipprovaw jimpedixxu lill-marixxal ezekutant milli jezegwixxi l-mandat peress li fi kliem Rose Holland, *'bintha Helena Fountain toqghod biss hemmhekk u m'ghandha xejn'*;

Illi jidher wkoll li dan il-kuntratt tat-3 ta' Novembru 2010 (Dok MG2 ezebit fl-atti) sar wara li Rose Holland hallset kreditur tal-konjugi Fountain iehor, Lightning Solutions Company Limited u fejn hija giet surrugata fid-drittijiet ta' dan l-kreditur iehor; jidher li s-sitwazzjoni finanzjarja xejn felici tal-konjugi Fountain innecessitat lir-rikorrenti taghmel dan;

Illi fl-umli fehma tal-esponenti din it-tattika hija wahda intiza sabiex tevadi l-obbligi assunti mill-konjugi Fountain lejn il-kredituri taghhom; tant huwa hekk illi jirrizulta mill-atti tal-mandat ta' qbid intavolat mis-socjetà Lightning Solutions Company Limited **Dok VF 5**, li r-rikorrenti kienet digà iddikjarat li l-konjugi Fountain ma kellhom xejn hemmhekk u pruvat tistultifika li jigi ezegwit mandat ta' qbid iehor; bhala stat ta' fatt Helena Fountain dak iz-zmien kellha l-oggetti elenkati fil-kitba ta' zwieg;

Illi sussegwentement ghal dak il-mandat, sabiex jissalvagwardjaw ruhhom minn kredituri ohra, sar dan l-att dikjaratorju, fl-umli fehma tal-esponenti ghal kollox inveritier anke peress li Helena Fountain minn dejjem ghexet ghand ommha u ghadha hemm sal-lum;

Illi wkoll u minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-esponenti jikkontendu li, dak li allegatament gie assenjat lil Rose Holland jissupera ferm il-valur ta' dak li hija hallset lil Lightning Solutions Company Limited u anke f'dan ir-rigward huwa rifless il-kolluzjoni bejn id-debituri u r-rikorrenti sabiex ma jithallasx f'ammonti sostanzjali ta' kwazi mija u tmienja u hamsin elf ewro (€158,000), oltre imghax;

Illi b'konsegwenza tan-nuqqas tal-konjugi Fountain li jonoraw il-kuntratti li huma ffirmaw u li llum huma titoli ezekuttivi, l-esponenti llum spiccaw f'qaghda finanzjarja prekarja tant li kellhom jaghlqu anke wahda mill-kumpaniji taghhom; kif wkoll bhala diretturi ghandhom kawzi kriminali pendenti ghal Vat u Income Tax;

Illi wkoll u minghajr pregudizzju ghas-suespost, kemm il-darba Rose Holland qed tallega li oggetti ohra li hemm fil-fond hawn fuq indikat huma taghha, hija ghandha iggib prova permezz ta' ricevuti li jirrifletti dan;

Ghaldaqstant l-esponenti filwaqt illi jikkontestaw l-pretensjonijiet tar-rikorrenti ghar-ragunijiet suespost, jopponu ghat-talbiet kollha li ghandhom jigu michuda bl-ispejjez.

Salv eccezzjonijiet ohra u bir-rizerva ghad-danni.

Bl-ispejjez kontra r-rikorrenti li hija ingunta in subizzjoni.

Rat id-dokumenti annessi.

Rat l-affidavit imressqa.

Rat l-atti tal-mandati Numri 1817/2011 u 1818/2011 li skond verbal ta' din il-Qorti, fuq talba tar-rikorrenti, gew allegati mal-atti ta' dawn il-proceduri.

Rat li l-intimati baqghu ma deheru qatt fil-Qorti lanqas meta d-difensur legali originali taghhom irrinunzjat ghall-patrocinju taghhom.

Rat li l-kawza thalliet ghas-sentenza.

Ikkunsidrat illi permezz ta' din il-kawza Rose Mary Holland qed titlob minn din il-Qorti dikjarazzjoni illi oggetti maqbuda in forza ta' mandati ta' qbid mahruga fil-konfront ta' bintha Helena Fountain u zewgha Anthony Fountain huma fil-fatt kollha ta' proprjetà taghha.

Ir-rikorrenti ressqet bhala prova diversi dokumenti li ma tpoggew f'ebda dubbju mill-istess intimati. Il-Qorti tirreferi ghal dikjarazzjoni guramentata maghmula mill-istess rikorrenti u bintha (fol. 22). Tirreferi wkoll ghal kuntratt ta' datio in solutum li permezz tieghu l-konjugi Fountain ghaddew lil Rose Mary Holland l-oggetti kollha li kienu nghataw lil bint mill-genituri, u dan wara li Rose Mary Holland hallset debitu tal-konjugi Fountain mas-socjetà Lighting Solutions. L-att kostituttiv tad-dota ukoll gie esibit in atti (fol. 124 et seq). Ma dawn, il-Qorti qieset ukoll ix-xhieda tad-diversi membri tal-familja tar-rikorrenti li kollha kkonfermaw it-tezi tar-rikorrenti. Dawn ma gew kontradetti bl-ebda mod. Ir-rikorrenti f'dawn il-proceduri qed titlob ukoll it-thassir tal-mandati de quo. F'dan il-Qorti ma tqisx li jista' jkollha ragun. Dak li ghandha interess tattakka r-rikorrenti huwa l-esekuzzjoni tal-mandat. Il-mandat per se ghandu jibqa' jghodd. Il-Qorti taghmel referenza fir-rigward ghas-sentenza fil-kawza Pace vs Mizzi – Imh. T. Mallia – 23 ta' Gunju 2005 u l-gurisprudenza hemm kwotata.

Fic-cirkostanzi, ghaldaqstant, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet tal-intimati, tilqa' l-ewwel talba u tiddikjara li l-oggetti maqbuda bil-mandati 1817/2011 u 1818/2011 huma ta' proprjetà ta' Rose Mary Holland. Tilqa' t-tieni talba limitatament billi thassar l-esekuzzjoni tal-istess mandati, bir-rizerva ghad-danni kif mitlub.

L-ispejjez jithallsu minn Victor Fenech u Christopher Aquilina.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------